MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 246/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Pace**
**u**
**Owen Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Pace u Owen Pace talli fl-14 ta' Gunju 2005, haddmu jew gieghlu jew hallew lil min ihaddem 'loud speaker', gramofon, amplifikatur jew strumenti bhal dawn, ghamlu inkella gieghlu jew hallew li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lin-nies li joqoghdu f'bini qrib;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju 2005 li permezz

taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Mary Pace u Owen Pace hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u minna lliberathom;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta’ Awwissu 2005, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u, wara li tisma’ l-provi, issib lill-imsemmijin Mary Pace u Owen Pace hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji bazati fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ma hallietx lil Angelo Pace, ix-xhud principali tal-prosekuzzjoni, jixhed peress li qalet li, “in vista ta’ l-artikolu 633 tal-Kap. 9 mhijiex konvinta u perswaza illi l-imputat [**recte:** kwerelant], bil-pika kbira li ghandu kontra martu u uliedu, sejjer jixhed il-verita`”. L-ewwel aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li dak li qalet l-ewwel Qorti jikkostitwixxi pregudizzju u mhux gudizzju ghaliex bil-mod kif giet deciza l-kawza, il-Qorti kienet gja` akkordat izjed kredibilita` lill-verzjoni ta’ l-imputati u, okkorrendo, ta’ ommhom, minghajr ma semghet provi. It-tieni aggravju hu konsegwenzjali ghall-ewwel wiehed, u cioe` li galadarba x-xhud in kwistjoni kien xhud kompetenti, il-Pulizija gew impeduti li jgibu prova indispensabbli biex isahhu l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellati.

Is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 633 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**“Ebda eccezzjoni kontra l-kompetenza ta’ xhud ma tista’ tinghata minhabba li hu jkun il-parti li ghamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proceduri, inkella minhabba li x-xhud ikun jigi mid-demm jew imhallat bi zwieg, jew minhabba li jkollu kuntratt, impieg, jew interess iehor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew ma’ l-imputat jew**

**akkuzat; imma f’kull kaz bhal dan, ix-xhud jigi mismugh, u min ghandu jiggudika l-fatti, meta jkun ghal kollox perswaz u konvint li x-xiehda hija vera, ghandu jipprocedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod shih u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti gew ippruvati minn persuna barranija jew minn wiehed li m’ghandu xejn x’jaqsam kif jinghad hawn fuq.”**

Ix-xhud li l-Pulizija riedu jipproducu huwa Angelo Pace, missier l-appellati. Fis-seduta tat-28 ta’ Lulju 2005 quddiem l-ewwel Qorti, Dott. Toni Abela ghall-appellati (allura imputati) eccepixxa li billi l-imputazzjonijiet huma kontravvenzjonali, dan ix-xhud mhuwiex kompetenti.

L-appellant josserva li in vista ta’ dak li jiddisponi s-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 633, jidher car, ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-kaz in dizamina, li (1) ma tistax tinghata eccezzjoni kontra l-kompetenza ta’ xhud minhabba li jkun hu li ghamel id-denunzja, (2) ma tistax tinghata eccezzjoni kontra l-kompetenza ta’ xhud ghaliex ikun jigi mid-demm mill-imputati appellati, (3) f’kull kaz ix-xhud irid jigi mismugh, u (4) min ghandu jiggudika fuq il-fatti ghandu jkun ghal kollox perswaz u konvint li x-xiehda hija vera.

L-appellant ghandu ragun. Il-ligi hija cara. Il-Qorti ma tistax tesprimi ruhha dwar il-veracita` ta’ l-allegazzjonijiet maghmula minn min ikun ghamel id-denunzja, kwerela jew rapport minghajr ma qabel tisma’ dak li ghandu xi jghid u tgharbel ix-xiehda tieghu fid-dawl tal-provi kollha li jingiebu fil-kaz. Il-gudizzju taghha dwar jekk dik ix-xiehda hijiex vera ghandha ghalhekk taghmlu <u>wara</u> li tkun semghetu jixhed u mhux <u>qabel</u>.

Is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 633 imbaghad lanqas ma huwa applikabbli ghall-kaz odjern peress li japplika biss fejn xhud li huwa qarib ta’ l-imputat kif imsemmi f’dak is-subartikolu juri li jixtieq li ma jixhidx kontra persuna li tigi minnu.

Konsegwentement, billi l-prosekuzzjoni giet impeduta milli tressaq xhud li ghaliha kien indispensabbli, din il-Qorti

sejra tilqa' l-appell ghar-revoka tas-sentenza appellata, u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami, sejra tirrimetti l-atti lill-ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata u tordna lir-Registratur sabiex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------